GUDJA

Minuti tar-raba laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum it-Tnejn 30 ta' Novembru 2009.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera; | Osvaldo Pace, Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 05/6 (30/10/2009)

2. Kommunikazzjonijiet:-
    a. Sindku
    b. Viċi-Sindku
    c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
    a. Ilmenti
    b. Ittri li ntbagħatu
    c. Ittri li rċevejna

4. Proġett tal-Mitħna Housing Estate

5. Kisi bit-tarmak ta' Triq Fidloqqom

6. Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 09/10

7. Finanzi
    a. Petty Cash
    b. Skeda ta' pagamenti
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.30p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 05/6 (30/10/2009)**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tat-30 t'Ottubru 2009, li ġew ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Għotjin tax-xleters. Is-Sindku qal illi għamel stħarriġ dwar l-aħjar fornituri ta' dawn l-għotjin kif ukoll kiseb informazzjoni dwar l-aħjar materjal u sistemi ta' kif wieħed jista' jagħmel għatu sikur u li ma jkunx ifixkel jew ikun ta' perikolu għal min jgħaddi minn fuq dawn l-għotien tal-ħġieġ.

Is-Sindku qal li sejjer jinforma l-Kunsill dwar dawn il-prezzijiet sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi dwar kif jista' u għandu jimxi dwar dan il-proġett.

2.1.2 Fanal fi Triq Sta Katarina Gudja. Is-Sindku qal illi dan il-fanal ikompli ssebbaħ l-ambjent ta' dehra antika u b'hekk dawn l-inħawi jkomplu jservu ta' attrazzjoni kemm għar-residenti kif ukoll għal min irid iżur il-Gudja.

2.1.3 Rikba bir-roti mat-tfal u l-Arċisqof fi Triq Sta Katarina u fi Triq Joseph Pace Gudja. Is-Sindku qall li ġie avviċinat mid-diriġenti ta' l-iskola St. Joan Antide fil-Gudja sabiex għal din l-okkażjoni tingħalaq it-Triq għal xi siegħa u nofs u li dawn l-inħawi jkun hemm il-preżenza tal-pulizija sabiex tinżamm l-ordni meħtieġa.

2.1.4 CCTV Tarxien Road, Gudja. Is-Sindku qal li hemm il-bżonn li ħdejn il-bini ta' Cortis ikun hemm CCTV sabiex jonqos l-abbuż f'sewqan esaġerat li jista jikkawża nċidenti serji. Is-Sindku qal li sejjer iqajjem dan il-punt fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt tal-LES.

2.1.5 Traffic Management fil-bye pass f'Dawret il-Gudja. Is-Sindku qal illi hemm il-ħtieġa li jsir dan l-eżerċizzju sabiex b'hekk kemm it-traffiku jkun jista' jimxi aħjar kif ukoll jiġu ndikat sewwa postijiet ta' waqfien kif ukoll postijiet fejn il-waqfien mhux permessibli. Il-Kunsill għandu jikteb lil ADT dwar dan sabiex il-qagħda preżenti titjieb.

2.1.6 Faċċata tal-bini tal-Kunsill f'post 88 Triq R. Caruana Gudja. Is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjien sejjer issir xogħol ta' żebgħa u tikħil fuq il-faċċata u twieqi u bibien sabiex b'hekk l-uffiċċju amministratti tal-Kunsill ikollu dehra aħjar. Barra l-bieb ta' l-għassa tal-Pulizija li għandu jibqa' blu skond il-kulur tal-bibien tal-Għasses it-twieqi tal-Kunsill u l-bieb ta' bara se jkollhom il-kulur 'maroon' li jaqbel sewwa ma' l-ambjent antik u rustiku tal-faċċata.

2.1.7 Gwardjani fir-raħal tal-Gudja. Is-Sindku qal illi fis-sistema tal-LES sejjer issir arranġament sabiex il-gwardani tat-traffiku jkunu fil-Gudja f'ħinijiet li jitlob il-Kunsill u mhux f'ħinijiet li jfettillu jidħol il-gwardjan ġewwa l-Gudja. Is-Sindku qal li s-servizz tal-warden huwa ta' bżonn waqt il-ħinijet tal-Mużew u sabiex jitwaqqaf l-abbuż ta' sewqan li jsir tard filgħaxija f'diversi nħawi tal-Gudja.

2.1.8 Fondi mill-LES - €21,000. Is-Sindku qal li bil-ħidma li għamel is-Segretarju Esekuttiv flimkien ma' l-accountant għan-nom tal-Kunsill, il-Kunsill Lokali Gudja ġabar din i-somma oħra ta' €21,000 u b'hekk jidher li ingħalaq il-kapitolu ta' meta l-Gudja ma kinitx parti mill-Kumitat Konġunt. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed iħares il-quddiem sabiex bl-użu tajjeb tas-sitema ta' l-infurzar tal-liġi (LES) kemm ir-residenti tal-Gudja kif ukoll kull min iżur il-Gudja ikun jista jagħmel dan bla tfixkil bla bżonn kif ukoll jinħoloq ambjent aħjar fil-Gudja.

2.1.9 Bankina fi Triq William Baker. Is-Sindku qal illi hemm il-ħtieġa li din il-bankina tiġi rranġata sewwa. Huwa qal li l-Kunsill jipprova jikseb ċangatura griża u materjal ieħor addatat sabiex b'hekk dan ix-xogħol issir sewwa u skond l-ambjent xieraq peress li dawn l-inħawi huma ferm iffrekwentat minn nies tal-Gudja.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Is-Sur R. Baldacchino qal li fis-6 u s-7 ta' Novembru 2009 attenda għal laqgħa tal-Kunsilli Lokali. F'din il-laqgħa ġew approvati r-reġjuni. Il-Kunsill irrid jaħtar rappreżentant f'dan il-Kunsill tar-reġjuni u dan jista' ikun Sindku, Viċi-Sindku jew Kunsillier. Ir-rappreżentant f'dan il-Kunsill tar-Reġjuni għandu jinsisti li jkollu vot daqs ħaddieħor.

Is-Sur Baldacchino qal ukoll illi waqt din il-laqgħa l-uffiċjal inkarigat tal-GreenPak faħħar il-Kunsill Lokali Gudja għax-xogħol u għamel dwar is-separazzjoni ta' l-iskart u dwar il-ftehim li ntlaħaq ma' l-istess GreenPak. Dan l-uffiċċjal tal-GreenPak ħajjar lill-Kunsilli oħra sabiex jimxu fuq il-passi li mexa l-Kunsill Lokali tal-Gudja dwar is-seprazzjoni ta' l-iskart fl-ibliet u rħula tagħhom.

2.2.2 Kontinwazzjoni tal-Kampanja dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. Is-Sur Baldacchino qal li fil-ġranet li għaddew huwa flimkien mas-Segretarju Esekuttiv għamlu pass ieħor fil-kampanja dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. Dan jista' iffiser illi jsir arranġament li jiżdiedu l-bins dwar is-separazzjoni ta' l-iskart u fejn ikun jidher li dawn il-bins ikunu f'inħawi li mhux qed jintużaw dawn jitpoġġew f'inħawi fejn l-użu tagħhom ikun aktar ta' siewi għar-residenti.

Is-Sur Baldacchino qal ukoll illi fil-ġimgħat li ġejjin sejjer ikompli dwar il-programm dwar is-serazzjoni tal-iskart bil-għan illi jikber l-għarfien sabiex innaqqas l-iskart, erġa' uża fejn tista' l-materjal u rriċikla. Dan il-proċess huwa magħruf bħala 3Rs (Reuse, Reduce and Recycle).

2.3.0 Kunsilliera

2.3.1. O. Pace.

a. Attivita dwar Jum ir-Reppublika 2009. Is-Sur Pace qal li qed issiru arranġamenti sabiex tfal mill-iskola Primarja Gudja, Kulleġġ San Benedittu jagħmlu żjara fil-Palazz tal-President fil-Belt Valletta u waqt din iż-żjara jsiru jafu aktar dwar ir-Reppublika a' Malta. Il-Kunsill approva l-finanzjament dwar dan.

b. Tagħlim dwar il-Presepju. Is-Sur Pace qal illi l-Kunsill qed għamel arranġamenti mas-Surmast ta' l-iskola Primarja sabiex is-Sur Charles Zammit juri lit-tfal kif jagħmlu presepju sempliċi iżda sabiħ. Dan il-Presepju wara jkun għal wiri f'Santa Claus House fi Triq l-Annunzjata Gudja. Il-Kunsill qabel li tingħata tifkira u ċertifikat lil kull parteċipant. Il-Kunsill approva l-finanzjament dwar dan.

c. Kunsill taż-żgħażagħ. Is-Sur Pace qal li ġewwa l-Gudja ġie imwaqqaf Kunsill taż-Żgħażagħ li huwa ffurmat minn ħames żgħażagħ. Is-Sur Pace qal li huwa ġie infurmat mis-Sur Keith Darmanin illi dan il-proġett huwa miexi sewwa u jkun jista jagħti informazzjoni dwar dan fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill Lokali għall-Gudja.

2.3.2 Anthony Dalli

a. Ċentru ta' Edukazzjoni, Taħriġ u Rikreazzjoni għal Anzjani. Is-Sur Dalli qal li huwa flimkien mas-Segretarju Esekuttiv kif ukoll mas-Sur Noel Calleja Kap ta' l-iSkola Primarja San Benedittu kellu laqgħa ma' Dr. Stephanie Xuereb dwar dan il-proġett.

Is-Sur Dalli qal illi jista' jagħti każ illi peress li dan huwa kunċett ġdid u mhux fuq linji sempliċi ta' Day Care Centre, il-Kunsill jista jikseb fondi mill-Ewropa dwar dan il-proġett. Dalli qal ukoll illi qed ikun hemm tentattivi sabiex issir laqgħa ma' l-Onor. Mario Galea, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Anzjani sabiex il-Kunsill jikseb kull għajnuna u sapport sabiex dan il-proġett jirnexxi u jkun ta' għajnuna għar-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel li japprova l-finanzjament meħtieġ dwar dan il-proġett..

2.3.3 Mark-Anthony Sammut

a. Is-Sur Sammut qal li f'seminar tal-Awtorita dwar it-Trasport fis-26 ta' Novembru 2009 ingħata tagħrif dwar bidla fil-policy dwar kif isiru l-one-ways linji tat-traffiku u dwar kif isiru l-applikazzjonijiet u dan sabiex jonqos id-dewmien tal-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet mal-ADT. Sammut qal li l-ADT qed tibgħat tabib sabiex tinvestiga l-qagħda tal-persuni li għandhom il-blue sticker.

Fil-Kunsill saret diskussjoni dwar ir-reserved parking u jekk dan l-ispazju riservat jistax ikun speċifiku għal persuni jew vetturi speċifikati. Dan il-punt għandu jiġi ċċarat mal-ADT u l-Kunsill jingħata aktar tagħrif hekk kif tinkiseb din l-informazzjoni.

Is-Sur Sammut qal li skond kif intqal fis-seminar tal-ADT jidher li sejra ssir bidla sħiħa u din taffetwa wkoll ir-reserved parking.

b. Laqgħa mal-uffiċjali tal-PO Bar. Is-Sur Sammut qal illi tal-PO Bar sejrin jagħmlu attivitajiet sportivi għall-aħħar ta' Jannar 2010. Għal dawn l-attivitajiet sejra tkun hemm attivitajiet mis-St. Patrick's AC. Dwar dan il-Kunsill qed jiġi mitlub li jgħin billi jikseb il-permessi meħtieġa. Il-Kunsill qabel li jagħti s-support meħtieġ lil PO Bar f'dawn l-attivitajiet.

c. Sport – Malta Olympic Committee. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill Lokali Gudja ġie nominat bħala wieħed mid-9 finalisti fl-għoti tal-premijiet tal-MOC. Il-Kunsill wera l-apprezament tiegħu f'dan ir-rigward u awgura kull suċċess lil parteċipanti tal-Gudja.

d. Camping – 11/12 ta' Diċembru 2009. Is-Sur Sammut qal li s-Segretarju Parlamentari Clyde Puli sejjer jagħmel preżentazzjoni tal-Premijiet lil parteċipanti waqt campng li sejjer ssir fiż-Żurrieq Camping site. Il-Kunsill approva l-finanzjament tat-tokens li ma teċċediex €2.50 kull waħda u wera x-xewqa wkoll li f'okkażjoni bħal din jiġi mistieden ukoll l-Onor. Dr. Bonnici.

e. Fondi tal-MEUSAC. Is-Sur Sammut qal li jistgħu jinkisbu fondi dwar walk-ways fil-kampanja madwar il-Gudja speċjalment fl-inħawi ta' Wied Ġarnaw u fi bnadi oħra ta' sbuħija naturali madwar il-Gudja.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 1840908527865 – Ilment dwar karozzi tal-linji li qed jgħaddu minn Triq W. Baker. Il-Kunsill qabel li filwaqt li jinforma lill-uffiċjali tat-Trasport Pubbliku li x-xarabanks ma jistgħux la jinżlu u lanqas jitilgħu minn Triq William Baker għat-Triq Bir Miftuħ, il-Kunsill għandu wkoll jitlob il-parir tal-Koptasin sabiex issir tabella ċara li turi l-intenzjoni preċiża tal-Kunsill.

3.1.2 1840908527867 – Ilment sabiex tiġi rranġata it-triq ta' fejn il-Palazz li hija ktr ma' Triq Hal Ghaxaq fejn hemm ghadira kbira li meta wieħed ikun fuq il-bankina u tgħaddi vettura, dan jinħasel bl-ilma. Il-Kunsill ingħata informazzjoni dwar ix-xogħol li sar u kif sejjer issir xogħol ieħor ta' patching meta dan ikun possibli.

3.1.3 1840908527870 – Talba sabiex "sleeping policeman" li tinsab fi Triq Bir Miftuħ, tinżel aktar l-isfel għaliex ir-residenti li jaħdmu bis-shift u ma jkunux jistgħu jistrieħu minħabba l-ħsejjes tal-karozzi. Il-Kunsill ma qabilx li jnizzel is-"sleeping policeman" aktar l-isfel. Iżda qabel li jieħu l-passi possibli sabiex jiġi mnaqqas l-inkonvenjent preżenti.

3.1.4 1840908527873 – Talba sabiex tigi rrangata ħofra fi Triq Hal Tarxien (fejn joqgħodu r-residenti) bir-ramel u cement kif ukoll jinbidlu xi knaten mis-soft-area li hemm fl-istess inħawi. Il-Kunsill qabel li jagħmel ix-xogħol meħtieġ malajr kemm jista' jkun mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

3.1.5 1840908527875 – Talba sabiex tiġi rranġata l-bankina quddiem nru 47 Redeemer Triq l-Għelejjel Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat dwar dak li jrid ir-resident li għamel din it-talba u qabel li jsir dan ix-xogħol skond il-lista ta' prijorita dwar ix-xogħol tal-Kunsill.

3.1.6 1840908527876 – Talba sabiex isir traffic management f'Tax-Xlejli speċjalment fi Triq ix-Xljeli Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lil ADT sabiex tagħmel it-traffic management exercise kif mitlub.

3.1.7 1840908527881 – Ilment dwar ħawt tal-ħamrija li tpoġġa minn residenti fi Triq Sta Katarina bil-konsegwenza li dawn qed ikunu ta' periklu għas-sewwieqa. Il-Kunsill qabel li jinforma l-Pulizija dwar dan l-ostaklu sabiex il-Pulizija tieħu passi kif ikun meħtieġ.

3.1.8 1840908527882 – Ġebel li jinsab perikoluż peress li dan daqt jaqa' mill-kamra tal-kenniesa li tinsab fi Triq G. Cassar c/w Triq San Mark Gudja. Il-Kunsill qabel li jinforma d-Dipartiment dwar dan il-perikolu fil-kamra tal-kenniesa.

3.1.9 1840908527883 – Ilment dwar kaxxa safra fi Triq J Gravina c/w Triq Ħal Tarxien peress li qed jiparkjaw il-vetturi ġo fijha u qed jgħattu l-vista lis-sewwieqa bil-konsegwenza li l-vetturi li ma jarawhomx ġejjien minn naħa t'isfel ta' Triq Ħal Tarxien Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-ADT sabiex tistħarreġ u tagħmel dak meħtieġ sabiex jiġi eliminat l-inkonvenjent u jonqos il-periklu.

3.1.10 1840901727886 – Talba sabiex jittella ċint madwar proprjeta li tinsab miftuħa quddiem nru 68 fi Triq il-Lewż Gudja. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment jgħaddi għand il-MEPA sabiex tieħu passi skond kif diġa stabbilit dwar dawn il-każijiet.

3.1.11 1840901727887 – Ilment dwar water culvert li jinsab miżdud bil-konsegwenza li qed ikun hemm ħafna ilma fit-triq fi Triq J. Pace c/w Triq Bettina Gudja. Il-Kunsill qabel li jieħu l-passi meħtieġa sabiex jinfetaħ dan il-water culvert.

3.1.12 1840901727891 - Talba sabiex isir water culvert bejn in-nru 1 u n-nru 2 fi Triq G. Cassar (fuq il-bankina l-għolja) peress li meta tagħmel ix-xita, l-

ilma qed jidħol ġewwa fid-djar tar-residenti. Il-Kunsill qabel li jagħmel culvert tal-plastik sabiex l-ilma tax-xita jiskula mingħajr ma jidħol fid-djar tar-residenti.

3.1.13 Traffic management fis-service road f'Dawret il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lil uffiċjali tal-Koptasin sabiex issir traffic management exercise li jinkludi fih parking bays sabiex ikun hemm aktar ordni f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li meta jitlesta dan l-eżerċizzju l-Kunsill ikun jista jikseb l-approvazzjoni tal-ADT kif ikun meħtieġ.

3.1.14 Sleeping policeman f'Dawret il-Gudja. Il-Kunsill qabel li din is-sleeping policeman titwal sabiex fil-ġnub ma tkunx tista tgħaddi vettura.

3.1.15 Pettizzjoni dwar traffic lights fl-inħawi ta' BurĠlat. Il-Kunsill qabel li din il-pettizzjoni tintbagħat lil ADT u tiġi segwita kif ikun meħtieġ.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-file tal-kopji ta' diversi ittri li rċevejna mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi kif meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ġie preżentat bil-file tal-kopji ta' diversi ittri li rċevejna mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi kif meħtieġ.

**4.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate**

4.1 Il-Kunsill ħa nota tar-rapport u ċertifikati dwar dan ix-xogħol u qabel li jagħmel il-pagament li jiġi mqassam skond kif jippermettu l-finanzi tal-Kunsill u bil-għan li jkun hemm il-garanzija meħtiega dwar dan ix-xogħol.

4.2 Il-Kunsill huwa tal-fehma li xogħlijiet fuq toroq oħra jiġu kunsidrati fis-sena finanzjarja li jmiss peress li din is-sena l-kontijiet tal-Kunsill sejrin ikunu fuq perjodu ta' disa' xhur li peress li l-kontijiet sejrin jingħalqu fil-31 ta' Diċembru 2009 u mhux fil-31 ta' Marzu 2010 kif kien isir issoltu.

**5.0 Kisi bit-tarmak ta' Triq Fidloqqom Gudja.**

5.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien kontinwament jirċievi ilmenti dwar il-qagħda ta' din it-triq li parti minnha tinsab ukoll fil-konfini ta' Ħal Għaxaq, liema parti diġa ġiet asflatata mill-Kunsill Lokali Għaxaq.

5.2 Is-Sindku qal lii hemm ir-riskju serju li f'każ ta' xi inċident il-Kunsill jista' jinstab ħati ta' negliġenza. Għal dan il-għan il-Kunsill tratta dan ix-xogħol b'urġenza u kiseb l-kwotazzjonijiet dwar xogħol ta' bankina u asfaltar ta' din il-parti ta' triq.

5.3 Il-kwotazzjoni ta' E & S Mifsud fis-somma ta' €7,192.35 dwar xogħol ta' asphalt u l-kwotazzjoni ta' €1,657.65 dwar ix-xogħol tal-bankina.

5.4 Il-Kunsill qabel li peress il-kowtazzjoni ta' E & S Mifsud Ltd fl-ammont kif indikat hija l-aħjar offerta, u peress li s-Sur Mifsud diġa għamel xi xogħlijiet lill-Kunsill u l-Kunsill huwa sodisfatt b'dan ix-xogħol, il-Kunsill qabel li jagħti x-xogħol lil E & S Mifsud bil-prezz indikat bil-kundizzjoni li x-xogħol issir qabel il-31 ta' Diċembru 2009.

**6.0 Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2009/2010.**

6.1 Il-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino u l-Kunsillier Pace taw dettalji lil Kunsill dwar l-attivitajiet li kien qed itella mill-Kunsill. L-attivita kbira għal din is-sena hija dik ta' Villaġġ tal-Milied ġewwa l-Gudja fl-20 ta' Diċembru 2009 bejn is-2.00p.m. sal-11.00p.m. flimkien ma' Leon Promotions.

6.2 Hemm diversi arranġamenti sabiex din l-attivita tiġbor fiha lil kulħadd kemm nies tal-Gudja kif ukoll min jiġi l-Gudja għal din l-attivita li hija l-ewwel waħda li qed tittella ġewwa l-Gudja.

6.3 Il-laqgħat kemm ma' tal-ħwienet, każini, l-Paroċċa fil-fergħat tagħha kollha sejrin isseħħu sabiex jiġi spjegat kif wieħed jipparteċipa b'mod attiv. Il-Kappillan aċċetta li għal din l-attivita l-Knisja Arċimatriċi tinżamm miftuħa sabiex il-viżitatturi jkunu jistgħu ukoll japprezzaw il-ġmiel ta' l-attrezzaturi tal-Knsija li forsi mhux dejjem huma magħrufa kemm mal-poplu Malti kif ukoll mill-barranin.

6.4 Il-Kunsill ġie infurmat illi fl-14 ta' Diċembru 2009 fil-bini tal-Kunsill sejra ssir Press Conference sabiex il-media tkun preżenti u jiġi spjegat il-programm.

6.5 Huwa stmat li din l-attivita bl-ispejjeż oħra bħal ħtieġa ta' pulizija u support ta' dawl bil-ġeneratur tiġi tiswa lil Kunsill madwar €6000 u huwa stmat li 50% ta' dawn l-ispejjeż jinġabru mingħand l-isponsors. Il-programm dettaljat ta' din l-attivita jinsab parti minn dawn il-minuti markat Dokument 'A'.

6.6 Dwar dawn l-attivitajiet tal-Milied hemm ukoll ix-xelter tal-Paċi li għandu juri n-nattivita b'figuri daqs ta' veru u attrezzi oħra. Dan il-proġett huwa xogħol immexxi u prinċipalment maħdum mill-Viċi-Sindku Sur Baldacchino.

6.7 Il-programm tal-Milied 2009 li sejjer jintbgħat għand ir-residenti kollha tal-Gudja jifforma parti minn dawn il-minuti markat Dok 'B'.

6.8 Il-Kunsill approva l-finanzjament ta' l-ispejjeż meħtieġa sabiex jittella kemm l-attivita ta' Villaġġ tal-Milied fil-Gudja kif ukoll jinżamm dan il-Presepju fix-xelter tal-Paċi, Gudja.

**7.0 Finanzi**

7.1 Petty Cash. Il-Kunsill ra u apporva n-nefqa ta' €68.16 għax-xahar t'Ottubru 2009 kif preżentata lill-Kunsill.

7.2 Skeda ta' pagamenti. Il-Kunsill ra u apporva n-nefqa ta' €49,122.20 għax-xahar ta' Novembru 2009 kif preżentata lil Kunsill u dan wara spjegazzjoni kif mitluba mill-Kunsilliera preżenti.

7.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill approva l-finanzi ta'kull spiża ta' dawk l-attivitajiet u xogħlijiet kif indikati f'dawn il-minuti.

**8.0 Għeluq tal-laqgħa**

8.1 Fencing madwar il-ġibjuni miftuħa. Il-Kunsill qabel li jittieħdu passi mad-dipartiment ikkonċernat sabiex madwar dawn il-ġibjuni jittella fencing xieraq sabiex f'dawn il-ġibjuni ma jkunx hemm rimi ta' skart u oġġetti oħra li fil-preżent wieħed faċli jarmi f'dawn il-ġibjuni u joħroġ sadd li jista' jagħmel ħsara kbira meta l-ġibjuni jibdew jimtlew bl-ilma.

8.2 Fondi għall-Kunsill mill-MEUSAC u Gal Xlokk. Il-Kunsill qabel li jkompli jsegwi l-possibilita ta' fondi dwar skemi ta' "Energy Saving" li jistgħu jiġu finanzjati sabiex fil-Gudja issir proġett ta' dawl bl-enerġija nadifa. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir inventarju dwar in-niċċeċ gewwa l-Gudja sabiex issir applikazzjoni dwarir-restawr meħtieġ u dan ir-restawr issir b'fondi mill-Ewropa.

8.3 Konfini. Il-Kunsill qabel li tinkiseb mappa uffiċjali dettaljata dwar il-konfini preżenti tal-Gudja bil-għan li jiġi mħares il-patrimonju tal-Gudja kif ukoll jittieħdu dawk il-passi meħtieġa sabiex dawn il-konfini jiġu rranġati kif jixraq sabiex ineħħu anomalji eżistenti.

8.4 Awguri. Peress li din hija l-aħħar laqgħa tal-Kunsill għal din is-sena 2009 is-Sindku filwaqt li ħeġġeġ lil Kunsilliera kollha sabiex jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Milied, awgura ukoll l-isbaħ xewqat lill-Kunsilliera u l-familjati kollha u lin-nies kollha tal-Gudja.

Il-Kunsilliera kollha rreċiprokaw dawn l-awguri u xtaqu lill-kulħadd Milied hinei u l-isbaħ xewqat għas-sena l-Ġdida 2010.

8.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.15p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku